Nru. 17,456
Prezz 64c
Price 64c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 12 ta' Awissu, 2003
Tuesday, 12th August, 2003

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 708

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGHARRFU ghall-informazzjoni ta' kulhadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 17,453 u 17,454 tal-5 u tat-8 ta' Awissu, 2003, rispettivament.

A.L. Nru. 195 ta' l-2003: Att dwar il-Provvisti u s-Servizzi (Kap. 117); Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' l-Importazzjoni.

A.L. Nru. 196 ta' l-2003: Att dwar il-Provvisti u s-Servizzi (Kap. 117); Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' l-Esportazzjoni.

A.L. Nru. 197 ta' l-2003: Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363); Ordni ta' l-2003 dwar id-Delega ta' Funzjoni lil Kunsilli Lokali (Kostruzzjoni ta' Toroq).

A.L. Nru. 198 ta' l-2003: Att dwar is-Soċjetajiet Koperativi (Kap. 442); Regolamenti ta' l-2003 dwar is-Soċjetajiet Koperativi (Ġbir ta' Drittijiet).

It-12 ta' Awissu, 2003

GOVERNMENT NOTICES

No. 708

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 17,453 and 17,454 of the 5th and the 8th August, 2003, respectively.

L.N. No. 195 of 2003: Supplies and Services Act (Cap. 117); Importation (Control) (Amendment) Regulations, 2003.

L.N. No. 196 of 2003: Supplies and Services Act (Cap. 117); Exportation (Control) (Amendment) Regulations, 2003.

L.N. No. 197 of 2003: Local Councils Act (Cap. 363); Delegation of Function to Local Councils (Road Construction), Order 2003.

L.N. No. 198 of 2003: Co-operative Societies Act, 2001 (Cap. 442); Co-operative Societies (Levying of Fees) Regulations, 2003.

12th August, 2003

Nru. 709

ĦATRA TA' SEGRETARJU PERMANENTI

IL-PRESIDENT ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lis-Sur Charles Mizzi, B.Sc. (Hons.), M.Sc. (Exeter), bħala Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni skond l-artikolu 92 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta b'seħħ mill-1 ta' Awissu, 2003.

It-12 ta' Awissu, 2003
(OPM/MPO/89/91/II)

No. 709

APPOINTMENT OF PERMANENT SECRETARY

THE President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, given after consultation with the Public Service Commission, appointed Mr Charles Mizzi, B.Sc. (Hons.), M.Sc. (Exeter), as Permanent Secretary in the Ministry of Education in terms of section 92 (3) of the Constitution of Malta with effect from the 1st August, 2003.

12th August, 2003

Nru. 710

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-Aġent President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

It-12 ta' Awissu, 2003
(File No. L80/89/115)

DIKJARAZZJONI TA' L-AĠENT PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-4 ta' Awissu, 1992, taħt in-Notifikazzjoni Nru. 519, il-President ta' Malta kien iddikjara illi l-fond hawn taħt deskritt huwa meħtieġ mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Art għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u billi l-fond m'għadux aktar hekk meħtieġa, jien hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-fond hawn taħt imsemmi m'għadux aktar meħtieġ mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza.

Deskrizzjoni tal-Fond

L-art li ġejja f'Bormla:-

1. Il-fond bl-isem "St Michael" fi Triq Hanover.

Il-fond hawn fuq imsemmi jidher immarkat bl-aħmar fuq il-pjanta L.D. 176/90/A/2, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) GEORGE HYZLER
A/President

L-4 ta' Awissu, 2003

No. 710

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the Acting President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

12th August, 2003

DECLARATION BY THE ACTING PRESIDENT OF MALTA

Whereas by Declaration of the President of Malta published in the Government Gazette of the 4th August, 1992, under Notice No. 519, the President of Malta had declared the undermentioned premises to be required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) and whereas this premises is no longer required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the undermentioned premises is no longer required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the aforementioned Ordinance.

Description of the Premises

The following land at Cospicua:-

1. The premises "St Michael" at Triq Hanover.

The abovementioned premises is shown marked in red on plan L.D.176/90/A/2 which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) GEORGE HYZLER
A/President

4th August, 2003

Nru. 711

TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta, hija ppubblikata skond l-Att ta' l-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

It-12 ta' Awissu, 2003
(File No. L1196/60)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern, hija meħtieġa għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja f'Binġemma, limiti ta' l-Imġarr:–

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 53,661 metru kwadru, li tinkludi struttura, li tmiss mit-Tramuntana u mil-Lvant ma' sqaq pubbliku u min-Nofsinhar ma' proprjetà tal-Gvern u tidher fuq ir-*Records* tal-Gvern bħala *tenement* Nru. 52065.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur aħmar fuq pjanti L.D. 4/84 u L.D. 4A/84 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) GUIDO DE MARCO
President

It-30 ta' Lulju, 2003

No. 711

TERMINATION OF AGRICULTURAL LEASE

THE following declaration made by the President of Malta, is published in terms of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

12th August, 2003

DECLARATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

I hereby declare that the undermentioned land, which is Government property, is required for a public purpose in accordance with the provisions of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

Description of the Land

The following land at Binġemma, limits of Mġarr:–

1. A plot of land of the area of about 53,661 square metres, which includes a structure, bounded on the North and the East by a public alley and on the South by Government property and is shown on the Government's Records as Tenement No. 52065.

The abovementioned land is shown marked in red on plans L.D. 4/84 and L.D. 4A/84 which may be seen on demand at the Lands Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) GUIDO DE MARCO
President

30th July, 2003

Nru. 712

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

It-12 ta' Awissu, 2003
(File No. L846/73/XII/2)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-13 ta' Mejju, 1975, taħt in-

No. 712

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

12th August, 2003

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by Declaration of the President of Malta published in the Government Gazette of the 13th May, 1975,

Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 320, il-President ta' Malta kien iddikjara illi l-art hawn taħt deskritta hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Art għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u billi l-art m'għadhiex aktar hekk meħtieġa, jien hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-art hawn taħt imsemmija m'għadhiex aktar meħtiega mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja fil-Marsa:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 170.8 metri kwadri li tmiss mill-Majjistral ma' proprjetà ta' Messrs Vadalà Company Limited, mill-Grigal ma' proprjetà ta' Messrs Peter Camilleri & Sons Limited u mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Rudolph Stilon u oħrajn.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur isfar bħala *plot* Nru. 2 fuq il-pjanta L.D. 92/75/2 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) GUIDO DE MARCO
President

L-4 ta' Awissu, 2003

under Government Notice No. 320, the President of Malta had declared the undermentioned land to be required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) and whereas this land is no longer required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the undermentioned land is no longer required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the aforementioned Ordinance.

Description of the Land

The following land at Marsa:

A plot of land of the area of about 170.8 square metres bounded on the North West by property of Messrs Vadalà Company Limited, on the North East by property of Messrs Peter Camilleri & Sons Limited and on the South West by property of Rudolph Stilon and others.

The abovementioned land is shown marked in yellow as plot No.2 on plan L.D. 92/75/2 which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) GUIDO DE MARCO
President

4th August, 2003

Nru. 713

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

It-12 ta' Awissu, 2003
(File No. L528/76/35)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta pubblikata fil-Gazzetta tat-23 ta' Lulju, 1976, taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 401, il-President ta' Malta kien iddikjara illi l-art hawn taħt deskritta hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Art għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88)

No. 713

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

12th August, 2003

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by Declaration of the President of Malta published in the Government Gazette of the 23rd July, 1976, under Notice No. 401, the President of Malta had declared the undermentioned land to be required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes)

u billi l-art m'għadhiex aktar hekk meħtieġa, jien hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-art hawn taħt imsemmija m'għadhiex aktar meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja fil-Qrendi:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 7,486.7 metri kwadri - li tinkludi gorboġ - li tmiss mill-Grigal ma' triq pubblika, mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern u mil-Lvant ma' proprjetà ta' Leonard Barbara.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata fuq il-pjanta L.D. 147/76, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) GUIDO DE MARCO
President

L-4 ta' Awissu, 2003

Ordinance (Chapter 88) and whereas this land is no longer required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the undermentioned land is no longer required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the aforementioned Ordinance.

Description of the Land

The following land at Qrendi:

A plot of land of the area of about 7,486.7 square metres - including a sty - bounded on the North East by a public street, on the West by Government property and on the East by property of Leonard Barbara.

The abovementioned land is shown marked on plan L.D. 147/76, which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) GUIDO DE MARCO
President

4th August, 2003

Nru. 714

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

It-12 ta' Awissu, 2003
(File No. L320/86/8)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-Dikjarazzjoni ta' l-Aġent President ta' Malta pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-1 ta' Novembru, 1988, taħt in-Notifikazzjoni Nru. 725, l-Aġent President ta' Malta kien iddikjara illi biċċa art f'San Ġwann tal-kejl ta' madwar 475 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tas-Sur Joseph Bonavia, min-Nofsinhar ma' proprjetà tas-Sur Joseph Borg u mill-Majjistral ma' proprjetà tas-Sur Gregory Fenech, hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Art għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u billi parti minn din l-art m'għadhiex aktar hekk meħtieġa, jien hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi

No. 714

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

12th August, 2003

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by Declaration of the Acting President of Malta published in the Government Gazette of the 1st November, 1988, under Notice No. 725, the Acting President of Malta had declared that a plot of land at San Ġwann of the area of about 475 square metres, bounded on the North by property of Mr Joseph Bonavia, on the South by property of Mr Joseph Borg and on the North West by property of Mr Gregory Fenech, to be required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) and whereas part of this land is no longer required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the

l-art hawn taħt imsemmija m'għadhiex aktar meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja f'San Ġwann:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 338 metru kwadru li tmiss mill-Majjistral u min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' Stella Calleja u oħrajn u mix-Xlokk ma' triq pubblika.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur aħmar u bħala *plot* Nru. 8A fuq pjanta P.D. 212A_88_2 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) GUIDO DE MARCO
President

L-4 ta' Awissu, 2003

undermentioned land is no longer required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the aforementioned Ordinance.

Description of the Land

The following land at San Ġwann:

A plot of land of the area of about 338 square metres bounded on the North West and on the South by property of Stella Calleja and others and on the South East by a public street.

The abovementioned land is shown marked with the colour red and as plot No. 8A on plan P.D. 212A_88_2, which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) GUIDO DE MARCO
President

4th August, 2003

Nru. 715

AKKWIST TA' ART

DIN il-Proklama li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija ppubblikata skond u għall-finijiet ta' din l-Ordinanza.

It-12 ta' Awissu, 2003
(File No. L168/2002)

PROKLAMA TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bl-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88), huwa pprovdut illi l-President ta' Malta jista', għal skopijiet pubbliċi, jiddikjara illi l-art hija soġġetta għall-jedd ta' *clearance* jew għall-jedd ta' taħt wiċċ l-art.

U billi hu meħtieġ illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk tiġi dikjarata soġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Issa, għalhekk, jiena, bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' l-imsemmija Ordinanza, b'din niddikjara illi l-proprjetà imsemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk hija soġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

No. 715

ACQUISITION OF LAND

THE following Proclamation made by the President of Malta under section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of this Ordinance.

12th August, 2003

PROCLAMATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the provisions of section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88), the President of Malta can, for public purposes, declare that the land is subject to clearance rights or subsoil rights.

And whereas it is required that the property mentioned in this schedule is declared subject to subsoil rights.

Now, therefore, I, by means of the powers of section 4 of the mentioned Ordinance, hereby declares that the property mentioned in this schedule is subject to subsoil rights.

Skeda

Art fil-Gudja:–

1. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 7 metri twila, 0.60 metri wiesgħa, 1.2 metri fonda u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit f'għalqa tal-kejl ta' madwar 2,263 metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana ma' triq pubblika u mill-Punent u min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' Joseph Balzan.

L-art hawn fuq imsemmija hija murija bil-kulur aħdar filwaqt li t-trinka hija murija bil-kulur aħmar fuq pjanta mmarkata P.D. 69_2003, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(IFF) GUIDO DE MARCO
President

L-4 ta' Awissu, 2003

Schedule

Land at Gudja:–

1. The mentioned sub soil right for the digging of a trench 7 metres long, 0.60 metres, 1.2 metres deep and laying of services for an indefinite period of time in a field measuring about 2,263 square metres, bounded on the North by a public road and on the West and South by property of Joseph Balzan.

The above mentioned land is shown in green whilst the trench is shown in red on plan marked P.D. 69_2003,which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(SGD) GUIDO DE MARCO
President

4th August, 2003

Nru. 716

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (VAT)

IS-SEGRETARJU Permanenti , Ministeru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 716

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (VAT)

THE Permanent Secretary, Ministry of Finance and Economic Affairs, has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr George Catania	Direttur Ġenerali *Director General*	VAT *VAT*	07-21.8.2003

It-12 ta' Awissu, 2003

12th August, 2003

Nru. 717

FOND TAL-PENSJONI U TAL-KONTINĠENZI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skond l-artikolu 32 tar-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Ħaddiema tal-Port, il-Ministru għat-Trasport u Komunikazzjoni ħatar il-Kumitat dwar il-Fond tal-Pensjoni u tal-Kontiġenzi kif ġej:-

Chairman
Is-Sur Angelo Mallia – Uffiċjal Pubbliku

No. 717

PENSIONS AND CONTINGENCY FUND COMMITTEE

IT is notified for general information that in terms of article 32 of the Port Workers Regulations, 1993, the Minister for Transport and Communications has appointed the Pension and Contingency Fund Committee as follows:-

Chairman
Mr Angelo Mallia – Public Officer

Membri
Is-Sur Charles Abela – Jirrapreżenta lill-Awtorità Marittima ta' Malta

Is-Sur John E Sullivan – Jirrapreżenta lill-Prinċipali tal-Ħaddiema tal-Port

Is-Sur Joseph Bowman – Jirrapreżenta lill-Prinċipali tal-Ħaddiema tal-Port

Is- Sur Godwin Abela – Jirrapreżenta lill-Kuntrattur

Is- Sur Emanuel Zammit – Jirrapreżenta lill-Ħaddiema tal-Port

Is- Sur Joe Saliba – Jirrapreżenta lill-Ħaddiema tal-Port

Is- Sur Francis Calleja

Is- Sur Nazzareno Borg

Segretarju
Is-Sur Francis Grima

It-12 ta' Awissu, 2003

Members
Mr Charles Abela – Representing the Malta Maritime Authority

Mr John E Sullivan – Representing the Employers of Port Workers

Mr Joseph Bowman – Representing the Employers of Port Workers

Mr Godwin Abela – Representing the Contractor

Mr Emanuel Zammit – Representing the Port Workers

Mr Joe Saliba – Representing the Port Workers

Mr Francis Calleja

Mr Nazzareno Borg

Secretary
Mr Francis Grima

12th August, 2003

Nru. 718

'WARRANT' MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

BILLI huwa pprovdut bl-Artikolu (3) ta' l-Ordinanza dwar il-Kummisjunarji b'setgħa li jagħtu Ġurament (Kap. 79) illi l-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja jista', minn żmien għal żmien, jaħtar persuni biex ikunu Kummissjunarji bis-setgħa li jagħtu Ġurament.

NGĦARRFU illi, bis-saħħa tas-setgħat mogħtija, il-Ministru għall-Ġustizzja, ħatar bħala Kummissjunarji bis-setgħa li jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri u sakemm jibqgħu fil-kariga, fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin, għall-perjodu kif indikat:

Mr William Spiteri
Mr Walter Mallia
Ms Angele Azzopardi
Mr Alfred Falzon
Dr Ivan Fsadni

B'Awtorità
TONIO BORG
Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern

It-12 Awissu, 2003
(MJHA/144/2003)

No. 718

WARRANT BY THE MINISTER FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

WHEREAS it is provided by Section (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) that the Minister responsible for Justice, may from time to time appoint persons, to be Commissioners for Oaths;

IT is notified that, in exercise of such powers, the Minister for Justice appointed the under mentioned as Commissioners for Oaths, whilst performing such functions and as long as they continue in that capacity in the Ministry of Foreign Affairs for the period as shown:

1 August 2003 – 31 July 2004
15 August 2003 – 30 June 2004
1 September 2003 – 31 August 2004
1 September 2003 – 31 August 2004
1 September 2003 – 31 August 2004

By Authority
TONIO BORG
Minister for Justice and Home Affairs

12th August, 2003

Nru. 719

AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Aġent Direttur ta' l-Ippjanar

L-AWTORITÀ ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tgħarraf li b'seħħ mill-4 ta' Awissu, 2003, il-Perit Ruben Abela assuma d-dmirijiet ta' Aġent Direttur ta' l-Ippjanar.

Is-6 ta' Awissu, 2003

No. 719

THE MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Acting Director of Planning

THE Malta Environment and Planning Authority notifies that with effect from the 4th August 2003, Architect and Civil Engineer (Perit) Ruben Abela has assumed duties as Director of Planning in an acting capacity.

6th August, 2003

Nru. 720

ATT DWAR IL-*CONDOMINIA*
(Kap. 398)

B'DIN qed ngħarraf li jiena rċivejt applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tar-regolamenti li jirregolaw l-imsemmija *Condominia*:

Nru. tal-*Condominium* *Condominium Number*	Indirizz tal-*Condominium* *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
20	Highrise Apartments, Triq l-Imradd, Ta' Xbiex	Reġistrazzjoni tar-regolamenti/ *Registration of Rules*	04/8/2003

Dott. Audrey Vassallo
A/Reġistratur ta' l-Artijiet

It-12 ta' Awissu, 2003

No. 720

CONDOMINIUM ACT
(Cap. 398)

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of rules regulating the following condominia:

Dr Audrey Vassallo
A/Land Registrar

12th August, 2003

Nru. 721

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ (KAP. 441)

Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002

SKOND id-dispożizzjonijiet tar-regolament 8 tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002, is-Sezzjoni għal Liċenzar tal-Kummerċ qiegħda hawnhekk tippubblika avviżi ta' l-applikazzjonijiet li ġejjin:

No. 721

TRADING LICENCES ACT (CAP. 441)

Trading Licences Regulations 2002

IN terms of the provisions of regulation 8 of the Trading Licences Regulations 2002, the Trade Licensing Unit is hereby publishing a notice of the following applications:

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2003 Pt 45	Lara Palmier	La' Dor 434 Triq D'Argens Gżira	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI - Social and personal services*	93.022 93.021 93.05	01.08.03
CD/3209/2003 Pt 282	Francis Saliba	F.S. Engineering & Plastics Ltd A25C Marsa Industrial Estate Marsa	Kategorija II - Attivitajiet tal-manifattura *Category II - Manufacturing activities*	36.6	01.08.03
CD/3209/2003 Pt 281	Manuel Bezzina	Bellini 86 Naxxar Road Balzan	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.48.6	04.08.03
CD/3209/2002 Pt 366	Anita Zammit	Methode Electronics Malta Ltd M4A Qasam Industrijali Mrieħel	Kategorija II - Attivitajiet tal-manifattura *Category II - Manufacturing activities*	31 25 28 31	05.08.03
CD/3209/2003 Pt 245	Natasha Azzopardi	Chana 60 Triq l-Alfier Naxxar	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.11 52.21	

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2003 Pt 284	Ted Darmanin	Lotus Garden Gallarija Shopping Arcade Triq Ħaż-Żabbar Fgura	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.48.10 52.48.11	07.08.03
CD/3209/2003 Pt 286	George Facciol	J3 Aluminium & Iron Works 10 New Street off Ħandaq Road Tal-Ħandaq Qormi	Kategorija II - Attivitajiet tal-manifattura *Category II - Manufacturing activities*	27	07.08.03
CD/3209/2003 Pt 287	Alexander Gatt	A. Gatt Woodwork Tal-Ħandaq Industrial Estate Qormi	Kategorija II - Attivitajiet tal-manifattura *Category II - Manufacturing activities*	20	07.08.03
CD/3209/2003 Pt 297	Carmelo Attard	Attard's Bazaar 31 Triq ir-Rimona Mosta	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.42 52.44 52.48.9	07.08.03
CD/3209/2003 Pt 319	Louis Zammit	Zammit Woodworks Triq il-Parsott Mosta	Kategorija II - Attivitajiet tal-manifattura *Category II - Manufacturing activities*	36.1	07.08.03

Kull persuna li għandha interess, tista' tagħmel oġġezzjonijiet jew ilmenti kontra l-għoti ta' liċenza fuq kwistjonijiet ta' kummerċ biss. Kull oġġezzjoni jew ilment għandu jingħata bil-miktub lis-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ, Direttorat għas-Servizzi tal-Kummerċ, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta, fi żmien għaxart ijiem mid-data li tidher hawn taħt.

It-12 ta' Awissu, 2003

Any person showing an interest may file an objection or make representations against the grant of this licence only on trade issues. Such objections or representation may be filed in writing at the Trading Licences Unit, Trade Services Directorate, Commerce Division, Lascaris, Valletta, within ten days from the date shown below.

12th August, 2003

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' A*ssistant Manager* responsabbli mill-Funzjoni tal-*Payments* fil-*Paying Agency* fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' A*ssistant Manager* responsabbli mill-Funzjoni tal-*Payments* fil-P*aying Agency* fil- Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

2. Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Assistant Manager* responsabbli mill-Funzjoni tal-*Payments* fil-*Paying Agency* fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, liema kuntratt jista' jiġġedded għal perjodi oħra ta' tliet snin fuq bażi ta' servizz sodisfaċenti u riżultati pożittivi. F'każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti bħala *Assistant Manager* responsabbli mill-Funzjoni tal-*Payments* fil-*Paying Agency* matul il-perjodu tal-kuntratt, il-kuntratt jintemm.

2.1. Il-persuna magħżula tkun tirrispondi lill-*Manager* tal-*Paying Agency,* u permezz tiegħu, lill-Kummissjoni Ewropea jew lis-Segretarju Permanenti skond il-każ dwar l-ipproċessar fil-waqt u eżatt ta' pagamenti lill-benefiċjarji tal-fondi (a) tal-*European Agriculture Guidance and Guarantee Fund (EAGGF)* u (b) tal-Programmi ta' l-Għajnuna ta' l-Istat.

2.2. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għal dan il-grad sustantiv meta l-kuntratt jintemm. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal Pubbliku, is-servizz tagħha mal-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent kif ukoll mal-Gvern jintemm f'każ li ma jiġix imġedded jew jintemm il-kuntratt.

2.3. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku, u matul il-perjodu tal-kuntratt, tinħatar fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn Skala 9, hija tkun meħtieġa li tirrinunzja d-dmirijiet ta' *Assistant Manager* responsabbli mill-Funzjoni tal-*Payments* fil-*Paying Agency* u tkun trasferita għad-dmirijiet relatati mal-grad il-ġdid tagħha. Barra minn hekk, jekk is-salarju sustantiv ta' persuna magħżula jitla' aktar mill-massimu ta' Skala 9 permezz ta' *progression*, il-persuna titħalla tkompli l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt li jkun effettiv dak iż-żmien, iżda mbagħad ma jiġix offrut tiġdid tal-kuntratt.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Assistant Manager responsible for the Payments Function within the Paying Agency in the Ministry for Rural Affairs and the Environment

The Public Service Commission invites applications for the position of Assistant Manager responsible for the Payments Function within the Paying Agency in the Ministry for Rural Affairs and the Environment

2. The selected candidate will be expected to enter into a three-year performance contract as Assistant Manager responsible for the Payments Function within the Paying Agency in the Ministry for Rural Affairs and the Environment, which may be renewed thereafter for periods of three years, subject to satisfactory performance and positive results. Unsatisfactory performance as Assistant Manager responsible for the Payments Function during the contract period will lead to termination of the contract.

2.1. The selected candidate will be accountable to the Manager of the Paying Agency, and through him to the European Commission or the Permanent Secretary as appropriate, for the ensuring of the accurate and timely payments to claimants of amounts authorised under (a) the programmes of the European Agricultural Guidance and Guarantee Fund (EAGGF), and (b) State Aid programmes.

2.2. If the selected candidate is a Public Officer, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will revert to his/her substantive grade on the termination of the contract. If the selected candidate is not a Public Officer, his/her service with the Ministry for Rural Affairs and the Environment as well as with Government will be terminated in the event that his/her contract is not renewed or is terminated.

2.3. If the selected candidate is a Public Officer, and is during the contract period, appointed to a grade with a Salary Scale higher than scale 9, he/she will be required to relinquish his/her duties of Assistant Manager responsible for the Payments Function within the Paying Agency and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. Moreover, if the substantive salary of a selected officer becomes higher than the maximum of Salary Scale 9 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force at the time, but will not be offered subsequent renewal of the contract.

3. Is-salarju għal din il-pozizzjoni huwa ekivalenti għall-massimu ta' Skala ta' Salarju 9 (bhalissa Lm6,703 fis-sena). F'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

4. L-għanijiet u d-dmirijiet ewlenin ta' persuna fil-pożizzjoni ta' *Assistant Manager* responsabbli mill-Funzjoni tal-*Payments* fil-*Paying Agency* fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, minbarra dmirijiet oħra li jistgħu jiġu assenjati mill-*Manager* tal-*Paying Agency* minn żmien għall-ieħor, huma dawn:–

a) li skond il-prijoritajiet stabbiliti mill-*Manager* tal-*Paying Agency* jiġu stabbiliti pjanijiet ta' azzjoni sabiex jintlaħqu l-għanijiet kollha neċessarji.

b) li tintroduċi u tistabbilixxi proċeduri kif rikjest mir-regolamenti dwar il-*European Agricultural and Guidance and Guarantee Fund (EAGGF)* biex tassigura li:

(i) il-pagamenti u garanziji jkunu magħmulin minn istituzzjonijiet finanzjarji li jissodisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mir-regolamenti ta' l-UE;

(ii) il-pagamenti jitħallsu lill-benifiċjarji biss, lill-bank tal-benefiċjarji jew inkella lill-persuna bi prokura tal-benefiċjarju;

(iii) il-garanziji jinġabru fil-ħin u li dawk il-garanziji li huma dovuti għal żmien twil ikunu immedjatament identifikati u li ssir it-talba biex jinġabru immedjatament;

(iv) l-ipproċessar ta' l-*advances* ikunu soġġetti għall-istess kontrolli użati fir-rigward tal-pagamenti.

(v) dawk il-pagamenti li ma jiġux mgħoddija jkunu *re-credited* lill-*European Agricultural and Guidance Fund;*

(vi) iżżomm *trail record* ċar u preċiż ta' kull transazzjoni effettwata.

(c) li tintroduċi u tħaddem sistemi sabiex jiġu amministrati pagamenti simili skond skemi ta' l-għajnuna ta' l-Istat;

(d) li żżomm lill-*Manager* tal-*Paying Agency* infurmat dwar il-progress, u f'okkażjonijiet ta' nuqqas ta' ftehim, mill-aktar fis tressaq dawn l-istess sitwazzjonijiet lilu sabiex tinstab soluzzjoni;

3. The salary attached to this position is equivalent to the maximum of Salary Scale 9 (currently LM 6,703 per annum). In the case that the selected applicant is a public officer the difference between the salary to which the selected officer is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

4. The main responsibilities of the Assistant Manager responsible for the Payments Function within the Paying Agency in the Ministry for Rural Affairs and the Environment, apart form other duties that may be assigned to the selected applicant by the Manager of the Paying Agency, are the following:–

(a) to establish implementation action plans for the achievement of all required tasks in accordance with the priorities set by the Manager of the Paying Agency;

(b) to introduce and establish uniform methodology(ies), in accordance with the requirements of the European Agricultural and Guidance and Guarantee Fund (EAGGF), to ensure that:

(i) payments and guarantees are obtained only from financial institutions that fulfil the conditions of EU Regulations;

(ii) payments are effected only to claimants, to the claimants' bank account, or to the claimants assignee;

(iii) guarantees are cleared within the stipulated time limits and those overdue are promptly identified and the guarantees are immediately called upon;

(iv) the clearing of advances is subject to the same controls by authorising officers as are payments;

(v) all non-delivered payments are re-credited to the European Agricultural Guidance and Guarantee Fund;

(vi) an unequivocal and accurate trail record for each transaction handled is kept.

(c) to introduce and oversee the operation of parallel arrangements for State Aid Payments;

(d) to keep the Manager of the Paying Agency informed of progress and in instances of non resolutions of issues, escalate matters to him/her so that these can be promptly resolved;

(e) biex tassisti, kull meta jkun rikjest mill-*Manager* tal-*Paying Agency* fil-preparazzjoni tar-rapporti mandatorji mill-Kumissjoni ta' kull xahar kif ukoll dawk ta' l-aħħar tas-sena fid-dawl ta' dati ta'sottomissjoni stretti.

Lista aktar dettaljata ta' dmirijiet ohra relatati ma' dawn, tista' tinġabar mill-uffiċċju tal-*Paying Agency* li jinsab fil-bini tad- Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

5. L-applikanti għandhom:

(a) ikunu ċittadini Maltin;

(b) ikollhom *degree Honours* fl-*Accountancy* mogħti mill-Università ta' Malta,

jew

kwalifika ekwivalenti, maħruġa minn waħda minn dawn l-entitajiet professjonali:

Malta Institute of Accountants (MIA)

Association of Chartered Certified Accountants (ACCA)

Institute of Internal Auditors (IIA)

Jew

Honours Degree fl-Ekonomija.

(c) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma diġà impjegati fis-Servizz Pubbliku għandhom jippreżentaw il-formola (GP 47) *Service and Leave Record Form*; applikanti oħra għandhom jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa ta' dawn l-applikazzjonijiet, kif ukoll jgħidu qatt kinux impjegati tal-Gvern u jagħtu dettalji);

(d) ikollhom kapaċità ta' komunikazzjoni eċċellenti, kemm bil-kitba kif ukoll mitkellma u kapaċità eċċellenti fil-lingwa Ingliża;

(e) ikunu kapaċi jiżviluppaw u jużaw *information systems* bħala għodda ta' informazjoni, reġistrar u analiżi;

(f) ikollhom esperjenza f'impjieg fejn ikun hemm bżonn ta' ġudizzju u konsegwentament teħid ta' deċiżjonijiet;

(e) to assist, whenever required by the Manager of the Paying Agency, in the preparation of the monthly and annual returns of accounts to the Commission in respect of rigorous time-scales.

Further details on the duties directly related to the above may be collected from the Office of the Paying Agency at the Department of Corporate Service, Ministry for Rural Affairs and the Environment, 14, M.A Vassalli Street, Valletta.

5. Applicants must:-

(a) be citizens of Malta;

(b) be in possession of an Honours degree in Accountancy awarded by the University of Malta,

or

an equivalent, recognised qualification awarded by one of the following professional bodies:

Malta Institute of Accountants (MIA)

Association of Chartered Certified Accountants (ACCA)

Institute of Internal Auditors (IIA)

or

an Honours degree in Economics.

(c) be of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47),those applying from outside the Service must produce a Police Certificate of Conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details);

(d) have excellent communication skills, both written and spoken, and an excellent command of the English language;

(e) have the ability to use and develop information systems as an information, recording and analysis tool;

(f) have seasoned judgment skills and the ability to make decisions;

(g) kapaċi jaħdmu b'mod affidabbli taħt pressjoni u li għaldaqstant ikunu kapaċi jiddeċiedu fuq prijoritajiet bejn sitwazzjonijiet urġenti;

(h) ikollhom kapaċitajiet tajbin ħafna f'dak li jirrigwardja tfassil ta' proċeduri.

6. Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll minn *undergraduates* li jinsabu fi stat li jakkwistaw il-kwalifika msemmija f'paragrafu 5(b) sa Diċembru, 2004. (L-applikanti jkunu mistennija jippreżentaw evidenza fil-forma ta' *transcript* uffiċjali kif ukoll ċertifikat aġġornat ta'attendenza).

7. Jekk applikant ikun/tkun magħżul/a f'termini ta' paragrafu 6, hu/hi ikun/tkun ingaġġat/a bħala *Assistant Manager Designate* b'salarju ekwivalenti għall-medja ta' Skala 10 (bħalissa Lm 5,760). Kif l-applikant/a j/tispiċċa b'suċċess l-istudji tiegħu/tagħha għall-kwalifiki msemmija f'paragrafu 5(b) hu/hi ikun/tkun ingaġġat/a bħala *Assistant Manager* responsabbli għall-Funzjoni tal-*Payments Function* u jirċievi/tirċievi salarju ekwivalenti għall-massimu ta' Skala 9 (bħalissa Lm6,703).

8. Applikanti taħt paragrafu 5(b) jingħataw preferenza fuq applikanti taħt paragrafu 6.

9. Il-persuna magħżula tista' tkun meħtieġa li tieħu taħriġ kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta.

10. Il-persuna magħżula trid tkun lesta li ssiefer fuq xogħol ta' spiss.

11. L-ingaġġ ikun ibbażat fuq ġimgħa ta' erbgħin (40) siegħa xogħol, għalkemm l-esiġenzi tax-xogħol jistgħu jinħtieġu aktar ħin jew ħinijiet irregolari.

12. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

13. Bord ta' l-għażla jintervista l-applikanti eliġibbli biex jitqies min ikun l-aktar adattat għal din il-pożizzjoni.

14. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi żgurat li hija adattata għal din il-pożizzjoni.

15. Malli tkun ingaġġata, il-persuna magħżula tintrabat bil-kundizzjonijiet kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li mhumiex uffiċjali pubbliċi jew kif hemm stipulat

(g) be able to work reliably under pressure and prioritise competing demands;

(h) have very good procedures development skills.

6. Eligibility is also extended to undergraduates who expect to obtain a degree/qualification listed in paragraph 5 (b) by December, 2004. (The applicant is expected to provide evidence in the form of an official transcript and current attendance certification);

7. If an applicant is selected in terms of paragraph 6 above, he/she will be engaged as Assistant Manager Designate responsible for the Payments Function and will receive a salary equivalent to the mean of Salary Scale 10 (currently Lm5,760). On successful achievement of the degree/qualification mentioned in paragraph 5 (b), he/she will be appointed Assistant Manager responsible for the Payments Function and will receive a salary equivalent to the maximum of Salary Scale 9 (currently Lm6,703).

8. Applicants under paragraph 5(b) will be given preference over applicants under paragraph 6.

9. The selected applicant may be required to undertake training both in Malta and abroad.

10. The selected applicant must be willing to travel frequently abroad.

11. The candidate will generally be expected to work on a 40-hour week basis, although exigencies of the position may require working additional or irregular hours.

12. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals should be presented for verification at he interview).

13. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

14. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he or she is fit for the position.

15. On engagement, the selected applicant will be bound by the terms and conditions stipulated in the contracts for non-public / public officers, as applicable, included as

fil-kuntratt li japplika għal dawk li huma uffiċjali pubbliċi (skond kif applikabbli), liema kuntratti jidhru f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code*. Wieħed jista' jidħol fil-*Public Service Management Code* fuq il-*website* tal-MPO fl-indirizz:- http://www.mpo.gov.mt.

16. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur, Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, (Taqsima ta' l-Impjegati), 14, Triq MA Vassalli, Valletta sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, it-12 ta' Settembru, 2003.

17. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp

http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm

jew jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati, Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq MA Vassalli, Valletta.

18. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz tal-*fax* jew xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Direttur, Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq, flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* huwa +356 2122 4944.

19. (a) Tingħata rċevuta minnufih mid-Direttur, Servizzi Korporattivi Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Tintbagħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet mid-Direttur Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

It-12 ta' Awissu, 2003

Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the MPO website at address:- http://www.mpo.gov.mt.

16. Applications, together with a detailed curriculum vitae showing qualifications and experience will be received in the first instance by the Director Corporate Services, (Personnel Section) Ministry for Rural Affairs and the Environment, 14, M.A. Vassalli Street, Valletta, by not later than Friday, 12th September, 2003.

17.Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp

http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm

or obtained from the Personnel Section, Department of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, 14, M.A Vassalli Street, Valletta.

18. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application form duly signed by the applicant must reach the Director Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number is +356 2122 4944.

19.(a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director, Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director, Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment within seven (7) days.

12th August, 2003

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' A*ssistant Manager* responsabbli mill-Funzjoni ta' l-*Authorisation* fil-*Paying Agency* fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' A*ssistant Manager* responsabbli mill-Funzjoni ta' l-*Authorisation* fil-P*aying Agency* fil- Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

2. Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Assistant Manager* responsabbli mill-Funzjoni ta' l-*Authorisation* fil-*Paying Agency* fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, liema kuntratt jista' jiġġedded għal perjodi oħra ta' tliet snin fuq bażi ta' servizz sodisfaċenti u riżultati pożittivi. F'każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti bħala *Assistant Manager* responsabbli mill-Funzjoni ta' l-*Authorisation* fil-*Paying Agency* matul il-perjodu tal-kuntratt, il-kuntratt jintemm.

2.1. Il-persuna magħżula tkun tirrispondi lill-*Manager* tal-*Paying Agency,* u permezz tiegħu, lill-Kummissjoni Ewropea jew lis-Segretarju Permanenti skond il-każ dwar l-effiċjenza u l-effettività tas-sistemi li bihom jiġu awtorizzati pagamenti lill- benefiċjarji ta' l-għajnuniet skond ir- regolamenti tal-fondi tal-*European Agriculture Guidance and Guarantee Fund (EAGGF)* u tal-Programmi ta' l-Għajnuna ta' l-Istat.

2.2. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għal dan il-grad sustantiv meta l-kuntratt jintemm. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal Pubbliku, is-servizz tagħha mal-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent kif ukoll mal-Gvern jintemm f'każ li ma jiġix imġedded jew jintemm il-kuntratt.

2.3. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku, u matul il-perjodu tal-kuntratt, tinħatar fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn Skala 9, hija tkun meħtieġa li tirrinunzja d-dmirijiet ta' *Assistant Manager* responsabbli mill-Funzjoni ta' l-*Authorisation* fil-*Paying Agency* u tkun trasferita għad-dmirijiet relatati mal-grad il-ġdid tagħha. Barra minn hekk, jekk is-salarju sustantiv ta' persuna magħżula jitla' aktar mill-massimu ta' Skala 9 permezz ta' *progression*, il-persuna titħalla tkompli l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt li jkun effettiv dak iż-żmien, iżda mbagħad ma tiġix offruta tiġdid tal-kuntratt.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Assistant Manager responsible for the Authorisation Function within the Paying Agency in the Ministry for Rural Affairs and the Environment

The Public Service Commission invites applications for the filling of the position of Assistant Manager responsible for the Authorisation Function within the Paying Agency in the Ministry for Rural Affairs and the Environment.

2. The selected candidate will be expected to enter into a three-year performance contract as Assistant Manager responsible for the Authorisation Function within the Paying Agency in the Ministry for Rural Affairs and the Environment which may be renewed thereafter for periods of three years, subject to satisfactory performance and results. Unsatisfactory performance as Assistant Manager responsible for the Authorisation Function within the Paying Agency during the contract period will lead to termination of the contract.

2.1. The selected candidate will be accountable to the Manager of the Paying Agency and through him to the European Commission or the Permanent Secretary for the efficiency and effectiveness of the system for authorising payments to claimants in conformity with the rules established by the European Commission in respect of the European Agriculture Guidance and Guarantee Fund (EAGGF) and State aid programmes.

2.2. If the selected candidate is a Public Officer, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will revert to his/her substantive grade on the termination of the contract. If the selected candidate is not a Public Officer, his/her service with the Ministry for Rural Affairs and the Environment as well as with Government will be terminated in the event that his/her contract is not renewed or is terminated.

2.3. If the selected candidate is a Public Officer, and is during the contract period, appointed to a grade with a Salary Scale higher than scale 9, he/she will be required to relinquish his/her duties of Assistant Manager responsible for the Authorisation Function within the Paying Agency and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. Moreover, if the substantive salary of a selected officer becomes higher than the maximum of Salary Scale 9 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force at the time, but will not be offered subsequent renewal of the contract.

3. Is-salarju għal din il-pożizzjoni huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala ta' Salarju 9 (bħalissa Lm6,703 fis-sena). F'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

4. L-għanijiet u d-doveri ewlenin ta' persuna fil-pożizzjoni ta' *Assistant Manager* responsabli mill-Funzjoni ta' l-*Authorisation* fil-*Paying Agency* fil- Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent minbarra dmirijiet oħra li jistgħu jiġu assenjati mill-*Manager* tal-*Paying Agency* minn żmien għall-ieħor, huma dawn:–

(a) li skond il-prijoritajiet stabbiliti mill-*Manager* tal-*Paying Agency* jiġu stabbiliti pjanijiet ta' azzjoni sabiex jintlaħqu l-għanijiet kollha neċessarji;

(b) li twaqqaf dik l-istruttura amministrattiva sabiex ikunu awtorizzati applikazzjonijiet għal rifużjoni fuq l-esportazzjoni skond ir-regolamenti relevanti tal-fondi tal-*European Agriculture Guidance and Guarantee Fund (EAGGF)*;

(c) li tistabilixxi l-bżonnijiet finanzjarji sabiex tippermetti lill-*Payments Function* tesegwixxi x-xogħol tagħha, u li tinforma lill-*Manager* tal-*Paying Agency* b'dawn l-istess bżonnijiet għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tiegħu;

(d) li tistabilixxi sistemi ta' kontrolli sabiex ikunu jistgħu jiġu ivverifikati l-fatti kif sottomesi minn dawk l-uffiċċji li huma delegati sabiex jawtorizzaw fuq bażi teknika l-applikazjonijiet għall-għajnuna skond ir-regolamenti relevanti tal-fondi tal-*European Agriculture Guidance and Guarantee Fund (EAGGF)* sabiex tassikura illi:

(i) tkun introdotta u implimentata metodologija xierqa għall-verifikazzjoni ta' applikazzjonijiet;

(ii) jinżamm *trail record* ċar u preċiż ta' kull transazzjoni effettwata;

(iii) jkun hemm komunikazzjoni tajba ma' l-uffiċċji tekniċi u ma' l- IACS sabiex tinġabar dik l-informazzjoni neċessarja għall-verifikazzjoni ta' l-applikazzjonijiet;

(iv) jiġu żviluppati u aġġornati sistemi u proċeduri u l-kitba ta' struzzjonijiet, li jiffurmaw dawk il-gwidi għall-benefiċjarji meta jkunu qegħdin jissottomettu l-applikazzjonijiet għall-għajnuna sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess ta' evalwazzjoni;

3. The salary attached to this position is equivalent to the maximum of Salary Scale 9 (currently Lm 6,703 per annum). In the case that the selected applicant is a public officer the difference between the salary to which the selected officer is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

4. The main responsibilities of the Assistant Manager responsible for the Authorisation Function within the Paying Agency in the Ministry for Rural Affairs and the Environment, apart from other duties that may be assigned to the selected applicant by the Manager of the Paying Agency, are the following

(a) in accordance with the priorities set by the Manager of the Paying Agency, to establish implementation action plans for the achievement of all required tasks;

(b) to set up that necessary administrative structure in order to authorise export refunds in compliance with the relevant regulations of the European Agriculture Guidance and Guarantee Fund (EAGGF);

(c) to determine budget requirements, if any, to allow the Payments function to fulfil its mission, and to forward such requirements to the Manager of the Paying Agency for consideration and approval;

(d) to establish a system of control to enable the verification of facts on claims as submitted by the various delegated Authorising bodies responsible for the technical verification of claims submitted by claimants, in accordance with the European Agricultural and Guidance and Guarantee Fund (EAGGF) to ensure the:

(i) introduction and establishment of a methodology for the verification of claims;

(ii) maintenance of an unequivocal and accurate trail record for each transaction handled;

(iii) liasion with the technical Authorising body and IACS for the gathering of all that information necessary for the verification of claims;

(iv) development and review of policies and procedures and the preparation of a written manual, which would serve as a clear guide to beneficiaries when submitting requests for payments and which would facilitate the evaluation process;

(e) iżżomm lill-*Manager* tal-*Paying Agency* infurmat dwar il-progress u f'okkażjonijiet ta' nuqqas ta' ftehim, mill-aktar fis tressaq dawn l-istess sitwazzjonijiet lilu sabiex tinstab soluzzjoni;

(f) biex tassisti, kull meta tkun rikjesta mill-*Manager* tal-*Paying Agency* fil-preparazzjoni tar-rapporti mandatorji mill-Kummissjoni ta' kull xahar kif ukoll dawk ta' l-aħħar tassena fid-dawl ta' dati ta'sottomissjoni stretti.

Lista aktar dettaljata ta' dmirijiet oħra relatati ma' dawn, tista' tinġabar mill-uffiċċju tal-*Paying Agency* li jinsab fil-bini tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M.A. Vassalli, il-Belt Valletta.

5. L-applikanti għandhom:–

(a) ikunu cittadini Maltin;

(b) ikollhom *degree* fl-*Accountacy* maħruġa mill-Università ta' Malta;

jew

kwalifika ekwivalenti, maħruġa minn waħda min dawn l-entitajiet professjonali.

Malta Institute of Accountants (MIA)

Association of Chartered Certified Accountants (ACCA)

Institute of Internal Auditors (IIA)

Jew

Honours degree fl-Ekonomija

(c) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma diġà impjegati fis-Servizz Pubbliku għandhom jippreżentaw il-formola (GP 47) *Service and Leave Record Form*; applikanti oħra għandhom jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa ta' dawn l-applikazzjonijiet, kif ukoll jgħidu qatt kinux impjegati tal-Gvern u jagħtu dettalji);

(d) ikollhom kapaċità ta' komunikazzjoni eċċellenti, kemm bil-kitba kif ukoll mitkellma u kapaċità eċċellenti fil-lingwa Ingliża;

(e) keeping the Manager of the Paying Agency informed of progress and in instances of non resolutions of issues, escalate matters to him/her so that these can be promptly resolved;

(f)assistance, whenever required by the Manager of the Paying Agency, in the preparation of the monthly and annual returns of accounts to the Commission in respect of rigorous time-scales.

Further details on the duties directly related to the above may be collected from the office of the Paying Agency, Department of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, 14, M.A Vassalli Street, Valletta.

5. Applicants must:–

(a) be citizens of Malta;

(b)be in possession of an Honours degree in Accountancy awarded by the University of Malta,

or

an equivalent, recognised qualification awarded by one of the following professional bodies:

Malta Institute of Accountants (MIA)

Association of Chartered Certified Accountants (ACCA)

Institute of Internal Auditors (IIA)

or

An Honours degree in Economics

(c) be of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47),those applying from outside the Service must produce a Police Certificate of Conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details);

(d)have excellent communication skills, both written and spoken, and an excellent command of the English language;

(e) ikunu kapaċi jiżviluppaw u jużaw *information systems* bħala għodda ta' informazzjoni, reġistrar u analiżi;

(f) ikollhom esperjenza f'impjieg fejn ikun hemm bżonn ta' ġudizzju u konsegwentement teħid ta' deċiżjonijiet;

(g) ikunu kapaċi jaħdmu b'mod affidabbli taħt pressjoni u li għaldaqstant ikunu kapaċi jiddeċiedu fuq prijoritajiet bejn sitwazzjonijiet urġenti;

(h) ikollhom kapaċitajiet tajbin ħafna f'dak illi jirigwarda tfassil ta' proċeduri.

6. Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll minn *undergraduates*, li jinsabu fi stat li jakkwistaw il-kwalifika msemmija f'paragrafu 5(b) sa' Diċembru, 2004. (L-applikanti jkunu mistennija jippreżentaw evidenza fil-forma ta' *transcript* uffiċjali kif ukoll ċertifikat aġġornat ta' attendenza).

7. Jekk applikant ikun/tkun magħżul/a f'termini ta' paragrafu 6, hu/hi ikun/tkun ingaġġat/a bħala *Assistant Manager Designate* b'salarju f'livell medju ta' Skala 10 (bħalissa Lm5,760). Kif l-applikant/a j/tispicca b'suċċess l-istudji tiegħu/tagħha għal kwalijfiki msemmija f'paragrafu 5 (b) hu/hi ikun/tkun ingaġġat/a bħala *Assistant Manager* responsabbli mill-Funzjoni ta' l-*Authorisation* u jirċievi/tirċievi salarju ekwivalenti għall-massimu ta' Skala 9 (bħalissa Lm6,703).

8. Applikanti taħt paragrafu 5(b) jingħataw preferenza fuq applikanti taħt paragrafu 6.

9. Il-persuna magħżula tista' tkun meħtieġa li tieħu taħriġ kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta.

10. Il-persuna magħżula trid tkun lesta li ssiefer fuq xogħol ta' spiss.

11. L-ingaġġ ikun ibbażat fuq ġimgħa ta' erbgħin siegħa xogħol, għalkemm l-esiġenzi tax-xogħol jistgħu jinħtieġu aktar ħin jew ħinijiet irregolari.

12. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

13. Bord ta' l-Għażla jintervista l-applikanti eliġibbli biex jitqies min ikun l-aktar adattat għal din il-pożizzjoni.

(e) have the ability to use and develop information systems as an information, recording and analysis tool;

(f) have seasoned judgment skills and the ability to make decisions;

(g) be able to work reliably under pressure and prioritise competing demands;

(h) have very good procedures development skills.

6. Eligibility is also extended to undergraduates who expect to obtain a degree/qualification listed in paragraph 5 (b) by December, 2004. (The applicant is expected to provide evidence in the form of an official transcript and current attendance certification);

7. If an applicant is selected in terms of paragraph 6 above, he/she will be engaged as Assistant Manager Designate responsible for the Authorisation Function and will receive a salary equivalent to the mean of Salary Scale 10 (currently Lm5,760). On successful achievement of the degree/qualification mentioned in paragraph 5 (b), he/she will be appointed Assistant Manager responsible for the Authorisation Function and will receive a salary equivalent to the maximum of Salary Scale 9 (currently Lm 6,703).

8. Applicants under paragraph 5(b) will be given preference over applicants under paragraph 6.

9. The selected applicant may be required to undertake training both in Malta and abroad.

10. The selected applicant must be willing to travel frequently abroad.

11. The candidate will generally be expected to work on a 40-hour week basis, although exigencies of the position may require working additional or irregular hours.

12. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals should be presented for verification at he interview).

13. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

14. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi żgurat li hija adattata għal din il-pożizzjoni.

15. Malli tkun ingaġġata, il-persuna magħżula tintrabat bil-kundizzjonijiet kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li mhumiex uffiċjali pubbliċi jew kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li huma uffiċjali pubbliċi (skond kif applikabbli), liema kuntratti jidhru f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code*. Wieħed jista' jara l-*Public Service Management Code* billi jidħol fuq il-*website* tal-MPO fl-indirizz:- http://www.mpo.gov.mt.

16. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur, Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u għall-Ambjent, (Taqsima ta' l-Impjegati), 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, it-12 ta' Settembru, 2003.

17. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:–

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo/gov.mt/resourcing/downloads.htm

jew jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent 14, Triq M. A. Vassalli, Valletta.

18. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz tal-*fax* jew xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Direttur, Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq, flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* huwa +356 2122 4944.

19. (a) Tingħata rċevuta minnufih mid-Direttur, Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn;

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Tintbagħat rċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet mid-Direttur Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

14. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he or she is fit for the position.

15. On engagement, the selected applicant will be bound by the terms and conditions stipulated in the contracts for non-public / public officers, as applicable, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the MPO website at address:- http://www.mpo.gov.mt.

16. Applications, together with a detailed curriculum vitae showing qualifications and experience will be received in the first instance by the Director Corporate Services, (Personnel Section) Ministry for Rural Affairs and the Environment, 14, M.A. Vassalli Street, Valletta, by not later than Friday, 12th Sepetmber, 2003.

17.Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm

or obtained from Department of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment (Personnel Section), 14, Triq M. A. Vassalli, Valletta.

18. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application form duly signed by the applicant must reach the Director Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number is +356 2122 4944.

19. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director, Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director, Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment within seven (7) days.

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Compliance Manager* fis-*Central Information Management Unit* fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet biex timtela l-pożizzjoni ta' *Compliance Manager* fis-*Central Information Management Unit* fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

2.1. Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Compliance Manager,* liema kuntratt jista' jiġġedded għal perjodi oħra ta' tliet snin, suġġett għal servizz sodisfaċenti u riżultati pożittivi. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Compliance Manager* matul il-perjodu tal-kuntratt ikollha l-kuntratt tagħha terminat.

2.2. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku, hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għall-grad sustantiv tagħha meta jintemm il-kuntratt. Jekk il-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal Pubbliku, is-servizz tagħha mal-Gvern jintemm fil-każ li l-kuntratt tagħha ma jiġġeddidx jew ikun terminat.

2.3. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku u, waqt il-perjodu tal-kuntratt, tinħatar fi grad bi skala ta' salarju ogħla mill-iskala applikabbli għal din il-pożizzjoni, hija tkun mistennija li tħalli d-dmirijiet ta' *Compliance Manager* u tkun trasferita għal dmirijiet li jikkorrespondu mal-grad il-ġdid tagħha.

3.1. Is-salarju tal-pożizzjoni ta' *Compliance Manager* huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala ta' Salarju 5 (bħalissa Lm8,798 fis-sena). Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju u l-*allowances* dovuti għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

3.2. Titħallas *market correctivity allowance* negozjabbli skond il-kwalifiki u t-*track record* tal-persuna magħżula.

4. Deskrizzjoni dettaljata tax-xogħol tal-pożizzjoni tista' tinkiseb mill-Uffiċċju taċ-*Chief Information Management Officer* jew inkella tista' tiġi mniżżla mill-*Website* tas-CIMU

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Compliance Manager in the Central Information Management Unit in the Office of the Prime Minister

The Public Service Commission invites applications for the filling of the position of Compliance Manager in the Central Information Management Unit in the Office of the Prime Minister.

2.1. The selected candidate will be expected to enter into a three-year contract as Compliance Manager, which may be renewed thereafter for periods of three years subject to satisfactory performance and positive results. Unsatisfactory performance as Compliance Manager during the contract period will lead to termination of contract.

2.2. If the selected candidate is a Public Officer, he/she will retain the substantive grade during the contractual period and will return to the substantive grade on the termination of the contract. In the case of an appointee who is not a Public Officer, service with Government will be terminated in the event that the contract is not renewed or is terminated.

2.3. If the selected candidate is a Public Officer and, during the contract period is appointed to a grade with a salary scale higher than the scale applicable to this position, the officer will be required to relinquish the duties of Compliance Manager and be transferred to duties pertinent to his/her new grade.

3.1. The position of Compliance Manager, attracts a salary of equivalent to the maximum of Salary Scale 5 (currently Lm8,798 per annum). If the selected applicant is a Public Officer, the difference between the salary to which the selected officer is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary and allowances attached to the position will be paid as a non-pensionable allowance.

3.2. A negotiable market correctivity allowance will be paid consonant with the qualifications and the track record of the selected candidate.

4. A detailed job description in respect of the position can be obtained from the Office of the Chief Information Management Officer in person or downloaded from the CIMU

www.cimu.gov.mt jew tiġi mitluba permezz ta' l-*e-mail* fuq l-indirizz cimu@gov.mt.

5. L-applikanti għandhom:-

(a) ikunu ċittadini ta' Malta;

(b) ikollhom livell ta' edukazzjoni ta' *first degree* (jew kwalifika professjonali rikonoxxuta), preferebbilment fil-*Public Administration, Business Management, Information Management* jew *Computer Studies* flimkien ma' tliet (3) snin esperjenza rilevanti;

JEW

ikollhom ta' l-inqas sitt (6) snin esperjenza rilevanti ta' xogħol f'ambjent formali u matur ta' l-informatika;

(ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati tal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kienu jaħdmu mal-Gvern u jagħtu dettalji).

6. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-pożizzjoni.

7. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għall-eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatta għal din il-pożizzjoni.

9. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm

jew jinkisbu mingħand iċ-*Chief Information Management Officer,* Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda.

10. L-applikazzjonijiet, flimkien ma' *curriculum vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament

Website at www.cimu.gov.mt or requested by e-mail using the address cimu@gov.mt.

5. Applicants must be: -

(a) citizens of Malta;

(b) in possession of a first-degree level of education (or a recognised professional qualification) preferably in Public Administration, Business Management, Information Management or Computer Studies plus three (3) years relevant experience;

OR

a minimum of six (6) years relevant experience in a formal and mature ICT environment;

(c) of good moral character; (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside must produce a Police Certificate of Conduct issued not earlier than six months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

6. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

7. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and ċ or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

8. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

9. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm

or obtained from the Chief Information Management Officer, Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda.

10. Applications together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience will be received in the first

miċ-*Chief Information Management Officer,* Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, mhux aktar tard min-nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, il-5 ta' Settembru 2003.

11. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew *e-mail* fl-indirizz cimu@gov.mt sad-data ta' l-għeluq jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand is-*Central Information Management Unit* mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment riċeventi hu +356-21 234 701).

12. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Dipartiment. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Iċ-*Chief Information Management Officer* jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-12 ta' Awissu, 2003

instance by the Chief Information Management Officer, Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda by not later that noon of Friday, 5th September 2003.

11. Applications received from abroad through a fax or by e-mail at the address cimu@gov.mt by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application, duly signed by the applicant, must reach the Central Information Management Unit by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the receiving Department is +356-21 234 701).

12. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Department and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Chief Information Management Officer within seven (7) days from receipt.

12th August, 2003

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' Inġinier (Elettriku) jew Inġinier *Junior* (Elettriku) fid-Dipartiment għall-Anzjani u Servizzi fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Inġinier (Elettriku) jew Inġinier *Junior* (Elettriku) fid-Dipartiment għall-Anzjani u Servizzi fil-Komunità.

2.1. Il-post ta' Inġinier (Elettriku) għandu salarju ta' Lm5,551 fis-sena li jiżdied b'Lm192 fis-sena sa massimu ta' Lm6,703.

2.2. Suġġett għal servizz sodisfaċenti, persuna fil-grad ta' Inġinier fi Skala 9 titla' għal Skala 8 (Lm5,903 x 209 – Lm7,157) wara sentejn servizz fil-grad u għal Skala 7 (Lm6,284 x 228 - Lm7,652) wara għaxar snin prattika professjonali ppruvata, (jew tmien snin prattika wara li tkun kisbet il-*warrant).* Il-perjodu biex persuna titla' minn Skala 8 għal 7 jitnaqqas b'sentejn fil-każ ta' Inġiniera li jkollhom kwalifika ta' wara l-gradwazzjoni approvata.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Engineer (Electrical) or Junior Engineer (Electrical) in the Department for the Elderly and Community Services

The Public Service Commission invites applications for the post of Engineer (Electrical) or Junior Engineer (Electrical) in the Department for the Elderly and Community Services.

2.1. The post of Engineer carries a salary of Lm5,551 per annum rising by annual increments of Lm192 up to a maximum of Lm6,703 (Salary Scale 9).

2.2. Subject to satisfactory performance, an Engineer in Scale 9 will proceed to Scale 8 (Lm5,903 x 209 – Lm7,157) on completion of two years service in the grade and to Scale 7 (Lm6,284 x 228 - Lm7,652) on completion of ten years of proven professional practice, (or eight years practice after obtaining warrant), provided that the qualifying period for progression from Scales 8 to 7 is reduced by two years in the case of Engineers in possession of an approved post graduate qualification.

3.1. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u fid-Dipartiment għall-Anzjani u Servizzi fil-Komunità. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

3.2. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

(a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

(b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5. Il-persuna nominata tista' tkun meħtieġa li taħdem fuq bażi ta' *roster* li jinkludi xogħol nhar ta' Ħadd.

6. Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' Inġinier (Elettriku) jinkludu:

(a) kariga u direzzjoni ta' Skema Ppjanata ta' Manutenzjoni Preventiva fuq apparat/stallazzjonijiet elettroniċi, elettro-mediċi u ta' l-elettriku, u kull xorta ta' apparat ieħor bħal dan jew li jista' jiġi nstallat fid-diversi residenzi u sezzjonijiet tad-Dipartiment;

(b) tħejjija ta' speċifikazzjonijiet għal xiri ta' apparat elettroniku, elettro-mediku u ta' l-elettriku u għotja ta' parir fuq offerti għal xiri ta' dan l-apparat;

(ċ) sorveljanza ta' l-istallar ta' apparat ġdid;

(d) sorveljanza u direzzjoni kemm ta' l-i*staff* tekniku kif ukoll industrijali li jaqgħu taħtha;

(e) taħriġ tekniku, teoretiku u prattiku lill-impjegati tekniċi f'manutenzjoni u tiswija ta' l-apparat elettriku u elettroniku użat jew li se jiġi stallat;

(f) għajnuna liċ-*Chief Engineer* tad-Diviżjoni kif jinħtieġ.

7. L-applikanti għandhom:-

(i) ikunu ċittadini ta' Malta;

(ii) ikunu gradwati minn Università rikonoxxuta fl-Inġinerija Elettrika;

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Department for the Elderly and Community Services. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

3.2. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

(a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

(b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5. The appointee may be required to perform duties on roster basis which will include Sunday attendance.

6. The duties of Engineer (Electrical) include:

(a) taking charge of and directing a Planned Preventive Maintenance Scheme on electronic, electro-medical and electrical equipment/installations, and such other equipment as is or may be installed in the various homes, branches and sections of the Department;

(b) preparing specifications for the purchase of electronic, electro-medical and electrical equipment and to advise on tenders for the purchase of such equipment;

(c) supervising the erection of new equipment;

(d) supervising and directing technical and industrial staff under his/her charge;

(e) providing technical, theoretical and practical training to the technical staff in the maintenance, servicing and repair of electrical and electronic equipment in use or to be installed;

(f) assisting the Chief Engineer of the Department as required.

7. Applicants must be:

(i) citizens of Malta;

(ii) in possession of a recognised University degree in Electrical Engineering;

(iii) ikollhom *warrant* biex jipprattikaw il-professjoni ta' Inġinier;

(iv) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati tal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern u jagħtu dettalji).

8.1. Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll mingħand:

(a) dawk il-persuni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija f'7(i), (ii) u (iv) iżda li għad m'għandhomx il-*warrant* sabiex jipprattikaw ta' Inġinier Elettriku;

(b) persuni li jkunu se jiggradwaw fl-Inġinerija Elettrika fis-sena 2003.

Kandidati magħżula taħt din il-klawsola jieħdu l-ħatra ta' *Junior Engineer,* u jirċievu salarju ta' Lm5,235 x Lm175 – Lm6,285.

8.2. Hekk kif iġġib il-*warrant,* il-persuna fil-grad ta' J*unior Engineer,* sakemm twettaq b'mod sodisfaċenti dmirijetha, tkun eliġibbli għal promozzjoni ta' Inġinier fuq l-iskala msemmija f'paragrafu 2.

8.3. Applikazzjonijiet taħt dan il-paragrafu jigu kkunsidrati biss jekk ma jkunx hemm biżżejjed applikanti taħt paragrafu 7. F'każ li jkun hemm bżonn li tiġi determinata l-ordni talmertu ta' l-applikanti taħt paragrafu 8.1(a) u 8.1(b) tingħata preferenza lill-applikanti taħt paragrafu 8.1(a) u 8.1(b) tingħata preferenza lill-applikanti taħt paragrafu 8.1(a). Applikanti taħt paragrafu 8.1(b) jistgħu jinħatru biss jekk ikunu temmew b'suċċess il-kors Universitarju tagħhom.

9. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

10. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għall-post.

11. Applikanti magħżula jkunu jridu joqgħodu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adattati għal dan il-post.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jintniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm

(iii) in possession of a warrant to practise as an Engineer;

(iv) of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); other applicants must produce a Police certificate of conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

8.1. Applications will also be received from:

(a) persons who satisfy the requirements stated in paragraphs 7(i), (ii) and (iv) but are not yet in possession of a warrant to practise as Electrical Engineer;

(b) persons who will be graduating in Electrical Engineering in the year 2003;

Candidates selected under this subsection will be appointed Junior Engineers with a salary scale of Lm5,235 x Lm175 – Lm6,285 per annum.

8.2. On obtaining the warrant to practise as an Engineer and subject to satisfactory performance, a Junior Engineer will become eligible for promotion to Engineer with a salary as given in paragraph 2.

8.3. Applications under this paragraph will only be considered if there are not enough suitable applicants under paragraph 7. In determining the order of merit of successful applicants under paragraph 8.1(a) and paragraph 8.1(b), those applying under paragraph 8.1(a) shall be given preference. Moreover, applicants under paragraph 8.1(b) will only become appointable upon the successful completion of their University course.

9. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

10. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

11. The applicant selected for appointment will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

12. Application forms may be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm

jew jinkisbu mid-Dipartiment għall-Anzjani u Servizzi fil-Komunità, Ċentru Ħidma Soċjali, 46, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera.

13. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur fid-Dipartiment għall-Anzjani u Servizzi fil-Kommunità, Ċentru Ħidma Soċjali, 46, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-12 ta' Settembru 2003.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Dipartiment mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmine. In-numru tal-fax tad-Dipartiment riċeventi hu +356-21494690.

15. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Dipartiment. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Dipartiment għall-Anzjani u Servizzi fil-Kommunità jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-12 ta' Awissu, 2003

or obtained from the Department for the Elderly and Community Services, Ċentru Ħidma Soċjali, 469, Triq il-Kbira San Ġużepp, St Venera.

13. The prescribed application forms will be received in the first instance by the Director at the Department for the Elderly and Community Services, Ċentru Ħidma Soċjali, 469, Triq il-Kbira San Ġużepp, St Venera, by not later than noon of Friday, 12th September 2003.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Department by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Department is +356 - 21494690.

15. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Department and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Department within seven days.

12th August, 2003

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Manager, Agent Management,* fis-*Central Information Management Unit* fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet biex timtela l-pożizzjoni ta' *Manager, Agent Management,* fis-*Central Information Management Unit* fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

2.1. Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Manager, Agent Management,* liema kuntratt jista' jiġġedded għal perjodi oħra ta' tliet snin, suġġett għal servizz sodisfaċenti u riżultati pożittivi. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Manager, Agent Management,* matul il-perjodu tal-kuntratt ikollha l-kuntratt tagħha terminat.

2.2. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku, hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għall-grad sustantiv tagħha meta jintemm il-kuntratt. Jekk il-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Manager, Agent Management, in the Central Information Management Unit, in the Office of the Prime Minister

The Public Service Commission invites applications for the filling of the position of Manager, Agent Management, in the Central Information Management Unit in the Office of the Prime Minister.

2.1. The selected candidate will be expected to enter into a three-year contract as Manager, Agent Management, which may be renewed thereafter for periods of three years subject to satisfactory performance and positive results. Unsatisfactory performance as Manager, Agent Management during the contract period will lead to termination of contract.

2.2. If the selected candidate is a public officer, he/she will retain the substantive grade during the contractual period and will return to the substantive grade on the termination of the contract. In the case of an appointee who is not a public

Pubbliku, is-servizz tagħha mal-Gvern jintemm fil-każ li l-kuntratt tagħha ma jkunx imġedded jew ikun terminat.

2.3. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku u, waqt il-perjodu tal-kuntratt, tinħatar fi grad bi skala ta' salarju ogħla mill-iskala applikabbli għal din il-pożizzjoni, hija tkun mistennija li tħalli d-dmirijiet ta' *Manager, Agent Management* u tkun trasferita għal dmirjiet li jikkorrespondu mal-grad il-ġdid tagħha.

3.1. Is-salarju tal-pożizzjoni ta' *Manager, Agent Management* huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala ta' Salarju 5 (bħalissa Lm8,798 fis-sena). Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju u l-*allowances* dovuti għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

3.2. Titħallas *market correctivity allowance* negozjabbli skond il-kwalifiki u t-*track record* tal-persuna magħżula.

4. Deskrizzjoni dettaljata tax-xogħol tal-pożizzjoni tista' tinkiseb mill-Uffiċċju taċ-*Chief Information Management Officer* jew inkella tista' titniżżel mill-*Website* tas-CIMU www.cimu.gov.mt jew tintalab permezz ta' l-*e-mail* fuq l-indirizz cimu@gov.mt.

5. L-applikanti għandhom:-

(a) ikunu ċittadini ta' Malta;

(b) ikollhom livell ta' edukazzjoni ta' *first degree* (jew kwalifika professjonali rikonoxxuta), preferebbilment fil-*Public Administration, Business Management, Information Management* jew *Computer Studies* flimkien ma' tliet (3) snin esperjenza rilevanti;

JEW

ikollhom ta' l-inqas sitt (6) snin esperjenza rilevanti ta' xogħol f'ambjent formali u matur ta' l-informatika;

(ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati tal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kienu jaħdmu mal-Gvern u jagħtu dettalji).

6. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-pożizzjoni.

7. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu

officer, service with Government will be terminated in the event that the contract is not renewed or is terminated.

2.3. If the selected candidate is a Public Officer and, during the contract period is appointed to a grade with a salary scale higher than the scale applicable to this position, the officer will be required to relinquish the duties of Manager, Agent Management, and be transferred to duties pertinent to hisċ her new grade.

3.1. The position of Manager, Agent Management, attracts a salary equivalent to the maximum of Salary Scale 5 (currently Lm8,798). If the selected applicant is a Public Officer, the difference between the salary to which the selected officer is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary and allowances attached to the position will be paid as a non-pensionable allowance.

3.2. A negotiable market correctivity allowance will be paid consonant with the qualifications and the track record of the selected candidate.

4. A detailed job description in respect of the position can be obtained from the Office of the Chief Information Management Officer in person or downloaded from the CIMU Website at www.cimu.gov.mt or requested by e-mail using the address cimu@gov.mt.

5. Applicants must be:-

(a) citizens of Malta;

(b) in possession of a first-degree level of education (or a recognised professional qualification) preferably in Public Administration, Business Management, Information Management or Computer Studies plus three (3) years relevant experience;

OR

a minimum of six (6) years relevant experience in a formal and mature ICT environment;

(c) of good moral character; (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside must produce a Police Certificate of Conduct issued not earlier than six months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

6. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

7. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included

jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għall-eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatta għal din il-pożizzjoni.

9. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm
jew jinkisbu mingħand iċ-*Chief Information Management Officer,* Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda.

10. L-applikazzjonijiet, flimkien ma' *curriculum vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament miċ -*Chief Information Management Officer,* Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, mhux aktar tard min-nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, il-5 ta' Settembru 2003.

11. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew *e-mail* fl-indirizz cimu@gov.mt sad-data ta' l-għeluq jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand is-*Central Information Management Unit* mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment riċeventi hu +356 21 234 701).

12. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Dipartiment. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Iċ-*Chief Information Management Officer* jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-12 ta' Awissu, 2003

with applications, originals to be produced for verification at the interview).

8. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

9. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm
or obtained from the Chief Information Management Officer, Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda.

10. Applications together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience will be received in the first instance by the Chief Information Management Officer, Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda by not later that noon of Friday, 5th September, 2003.

11. Applications received from abroad through a fax or by e-mail at the address cimu@gov.mt by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application, duly signed by the applicant, must reach the Central Information Management Unit by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the receiving Department is (+356) 21 234 701).

12. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Department and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Chief Information Management Officer within seven (7) days from receipt.

12th August, 2003

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Programme Manager* fid-Dipartiment ta' l-Iżvilupp Rurali fit-Taqsima tas-Servizzi Agrikoli u Żvilupp Rurali fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Programme Manager* fid-Dipartiment ta' l-Iżvilupp Rurali fit-Taqsima tas-Servizzi

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Programme Manager in the Rural Development Department within the Agricultural Services and Rural Development Division in the Ministry for Rural Affairs and the Environment

The Public Service Commission invites applications for the position of Programme Manager in the Rural Development Department within the Agricultural Services and Rural

Agrikoli u Żvilupp Rurali fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

2.1. Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Programme Manager* fid-Dipartiment ta' l-Iżvilupp Rurali fit-Taqsima tas-Servizzi Agrikoli u Żvilupp Rurali, liema kuntratt jista' jiġġedded għall-perjodi oħra ta' tliet snin fuq bażi ta' servizz sodisfaċenti u riżultati pożittivi. F'każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti bħala *Programme Manager* matul il-perjodu tal-kuntratt, il-kuntratt jintemm.

2.2. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għal dan il-grad sustantiv meta l-kuntratt jintemm. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal Pubbliku, is-servizz tagħha mad-Dipartiment ta' l-Iżvilupp Rurali fit-Taqsima tas-Servizzi Agrikoli u Żvilupp Rurali kif ukoll mal-Gvern jintemm f'każ li ma jiġix imġedded jew jintemm il-kuntratt.

2.3. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku, u matul il-perjodu tal-kuntratt, tinħatar fi grad bi skala ta' salarju ogħla minn skala 7, hija tkun meħtieġa li tirrinunzja d-dmirijiet ta' *Programme Manager* u tkun trasferita għad-dmirijiet relatati mal-grad il-ġdid tagħha. Barra minn hekk, jekk is-salarju sustantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 7 permezz ta' *progression,* il-persuna titħalla tkompli l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt li jkun effettiv dak iż-żmien, iżda mbagħad ma tiġix offruta tiġdid tal-kuntratt.

3. Persuna fil-pożizzjoni ta' *Programme Manager* jkollha salarju ekwivalenti għall-massimu ta' Skala 7 (bħalissa Lm7,652 fis-sena). F'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

4. Jista' jitħallas *Performance Bonus* sa massimu ta' 10% tas-salarju.

5. Id-dmirijiet ta' persuna fil-pożizzjoni ta' *Programme Manager* fid-Dipartiment ta' l-Iżvilupp Rurali jinkludu:

a) it-tħaris u t-tkomplija, għall-approvazzjoni tad-Direttur ta' l-Iżvilupp Rurali, ta' *long, medium* u *short-term business plans,* programmi ta' ħidma u *budgets* għall-implimentazzjoni effettiva tal-Pjan ta' l-Iżvilupp Rurali;

Development Division in the Ministry for Rural Affairs and the Environment.

2.1. The selected candidate will be expected initially to enter into a three-year performance contract as Programme Manager in the Rural Development Department within the Agricultural Services and Rural Development Division, which may be renewed thereafter for further three-year periods subject to satisfactory performance and positive results. Unsatisfactory performance as Programme Manager during the contract period will lead to termination of the contract.

2.2. If the selected candidate is a Public Officer, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will revert to his/her substantive grade on the termination of the contract. If the appointee is not a public officer, his/her service with the Rural Development Department within the Agricultural Services and Rural Development Division as well as with Government will be terminated in the event that the contract is not renewed or is terminated.

2.3. If, the selected candidate is a Public Officer and, during the contract period, is appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 7, he/she will be required to relinquish the duties of Programme Manager and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. Moreover, if the substantive salary of the selected officer becomes higher than the maximum of Salary Scale 7 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force at the time, but he/she will not be offered subsequent renewal of the contract.

3. The position of Programme Manager attracts a salary equivalent to the maximum point of Salary Scale 7 (currently Lm7,652). In the case that the selected candidate is a Public Officer, the difference between the salary to which he/she is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position, will be paid as a non-pensionable allowance.

4. A performance bonus of up to 10% of the salary may be payable.

5. The duties of a Programme Manager in the Rural Development Department include:

a) the review and finalisation, for approval by the Director (Rural Development), long, medium and short-term business plans, work programmes and budgets for the effective implementation of the Rural Development Plan;

b) l-iżvilupp ta' pjani ta' ħidma, *standards,* proċeduri u skedi, u l-allokazzjoni ta' xogħol lill-i*staff* tas-sezzjoni biex tiġi żgurata l-kwalità, kwantità, twettiq fil-ħin u riżultati li jistgħu jitkejlu, skond l-oġġettivi ppjanati;

ċ) l-immaniġġjar tal-funzjonijiet amministrattivi ta' kuljum tas-sezzjoni, skond il-*budgets* approvati;

d) it-tfassil u l-immaniġġjar ta' kampanja pubblika dwar il-Programm Rurali ta' Żvilupp, li jkun jiffoka ħafna fuq prijoritajiet ta' fondi, miżuri, kriterji ta' għażla u ħtiġiet ko-finanzjarji;

e) iż-żamma ta' kooperazzjoni sfiqa ma' l-i*staff* kollu tal-Ministeru li l-ħidma tiegħu tkun qiegħda tikkontribwixxi għal, jew taffettwa l-Programm ta' l-Iżvilupp Rurali, biex tiġi żgurata ko-operazzjoni kontinwa u biex tiġi ffaċilitata l-ko-ordinazzjoni effettiva ta' l-attivitajiet, prijoritajiet u *deadlines;*

f) l-għoti ta' servizz ta' livell għoli lill-klijenti billi jiġu kkonsultati regolarment kollegi f'ħatra għolja fid-Dipartimenti u Diviżjonijiet tal-Ministeru dwar l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni ta' programmi li għandhom x'jaqsmu ma' l-Iżvilupp Rurali;

g) li tassigura diviżjoni effettiva u trasparenti tar-responsabbiltajiet fi ħdan il-*Forestry team* bejn dawk il-membri li għandhom funzjoni konsultattiva u dawk li għandhom funzjoni teknika u ta' spezzjonar.

5.1. Persuna tista' tara *position description* sħiħa u lista ta' dmirijiet sħiħa ta' *Programme Manager* fid-Dipartiment ta' l-Iżvilupp Rurali fit-Taqsima tas-Servizzi Agrikoli u Żvilupp Rurali, fid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi (Taqsima ta' l-Impjegati), Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

6. L-applikanti għandhom:-

a) ikunu ċittadini taí' Malta;

b) ikollhom mill-inqas tliet (3) snin esperjenza u għarfien fil-fond ta' materji ta' l-Unjoni Ewropea, partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-agrikultura u żvilupp rurali, kif ukoll ikollhom għarfien ġenerali tajjeb ta' l-*issues* kollha ta' l-iżvilupp rurali;

jew

b) the development of work plans, standards, procedures and schedules, and the allocation of work amongst the Branch's staff to ensure quality, quantity, timeliness and measurable results in relation to planned objectives;

c) the management of the administrative and day-to-day functions of the Branch, within approved budgets;

d) the design and management of a public awareness campaign on the Rural Development Programme, including a strong focus on funding priorities, measures, selection criteria and co-financing requirements;

e) the maintenance of a close liaison with staff throughout the Ministry whose work is contributing to, or is affected by the Rural Development Programme to ensure their continuing co-operation and to facilitate the effective co-ordination of activities, priorities and deadlines.

f) the provision of a high level of service to clients by consulting regularly with senior Departmental and Divisional colleagues on the interpretation and implementation of programmes relating to rural development.

g) ensuring that there is an effective and transparent division of responsibilities between staff members of the Forestry team for the advisory function on one hand and the technical assessment and inspection function on the other.

5.1. A full position description and a full list of duties of Programme Manager at the Rural Development Department within the Agricultural Services and Rural Development Division may be viewed on demand at the Department of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment (Personnel Section) 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

6. Applicants for the position must:-

a) be citizens of Malta;

b) have at least three (3) yearsí experience and in-depth knowledge of EU matters, particularly as regards agriculture and rural development, as well as possessing a good general awareness of the full range of rural development issues;

or

ikollhom *degree* rikonoxxuta mill-Università ta' Malta, jew ekwivalenti, preferibbilment f'wieħed minn dawn l-oqsma ta' studju: *Business Management; Accountancy, Economics, European Studies* jew oqsma oħra relatati;

ċ) ikollhom *track record* tajba fil-*management* (preferibbilment b'enfasi fuq il-*project management)* u jġibu evidenza li kienu orjentati lejn għanijiet u riżultati pożittivi meta kienu f'pożizzjonijiet oħra.

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma diġà impjegati fis-Servizz Pubbliku għandhom jippreżentaw il-formola (GP 47) *Service and Leave Record Form*; applikanti oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

6.1. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-applikanti li jkunu kapaċi juru:

prova ta' *leadership,* abbiltà fil-*management* tar-riżorsi umani u abbiltajiet interpersonali;

management fuq proġetti, *systems management* u *organizational skills;*

abbiltajiet analitiċi, speċjalment fl-*area* ta' apprezzament ta' proġetti;

livell għoli ta' *computer literacy;* u

impenn lejn *management* ta' kwalità, titjib kontinwu u *customer service.*

7. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għal din il-pożizzjoni.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal ezami mediku biex jiġi żgurat li hija adattata għal din il-pożizzjoni.

10. Malli tkun ingaġġata, il-persuna magħżula tintrabat bil-kundizzjonijiet kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li mhumiex uffiċjali pubbliċi jew kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li huma uffiċjali pubbliċi (skond kif applikabbli), liema kuntratti jidhru f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code*. Wieħed jista' jara l-*Public Service Management Code* billi jidħol fuq il-*website* tal-MPO fl-indirizz:- http://www.mpo.gov.mt.

be in possession of a recognized degree from the University of Malta, or equivalent, preferably in one of the following subjects: Business Management; Accountancy, Economics, European Studies or related fields;

c) have a good track record in management (preferably with an emphasis on project management) and produce evidence of having been goal and achievement oriented in previous positions;

d) be of good moral character (applicants who are already in the Public Service must provide a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside must provide a Police Certificate of Conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

6.1. Due consideration will be given to applicants who are able to demonstrate:

proven leadership, human resource management and inter personal skills;

project management, systems management and organisational skills;

analytical skills, particularly in the area of project appraisal;

a high level of computer literacy; and

a commitment to quality management, continuous improvement and customer service.

7. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

9. The selected candidate will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the position.

10. On engagement, the selected applicant will be bound by the terms and conditions stipulated in the contracts for non-public/public officers, as applicable, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the MPO website at address:- http://www.mpo.gov.mt.

11. Il-persuna magħżula tista' tkun meħtieġa li tattendi korsijiet f'Malta jew barra minn Malta skond kif meħtieġ mid-Direttur ta' l-Iżvilupp Rurali.

12. L-applikanti magħżula li jsiefru biex jagħmlu korsijiet jintrabtu bil-kundizzjonijiet relevanti skond il-*Public Service Management Code*.

13. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent (Taqsima ta' l-Impjegati*)* 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta, sa mhux aktar tard min-nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-12 ta' Settembru, 2003.

14. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm
jew jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

15. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent fl-indirizz t'hawn fuq sa mhux aktar tard minn ġimgħa mid-data ta' l-għeluq, flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment huwa +356 - 21 22 49 44).

16. (a) Tingħata rċevuta minnufih mid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Dipartiment.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Tintbagħat riċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet mid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

11. The selected candidate may be required to attend courses in Malta or abroad as determined by the Director, Rural Development.

12. Selected applicants proceeding abroad to follow courses will be bound by the relevant conditions laid down in the Public Service Management Code.

13. Applications, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Director Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment (Personnel Section), 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta, by not later than noon of Friday, 12th September, 2003.

14. Application forms may be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm
or obtained from the Department of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment (Personnel Section), 14, Triq M. A. Vassalli, Valletta.

15. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Director of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, at the above address by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the Department is +356 - 2122 4944).

16. a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, within seven (7) days.

UFFIĊĊJU NAZZJONALI TAL-VERIFIKA

Post ta' Awditur Anzjan

L-Awditur Ġenerali jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Awditur Anzjan, *Value-for-Money Audits* ma' l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

2. L-applikanti għandu jkollhom lawrja mill-Università jew ekwivalenti fl-Amministrazzjoni Pubblika, *Business Studies*, Ekonomija, Inġinerija, Statistika jew *Accountancy*. Tingħata preferenza lil dawk il-persuni li jkollhom tliet snin esperjenza f'waħda minn dawn id-dixxiplini.

3. Is-salarju għal dan il-grad huwa ta' Lm6,576 b'żidiet ta' Lm167 fis-sena għal Lm7,077. Jista' jingħata wkoll *performance bonus* fl-aħħar tas-sena.

4. L-impjieg, li huwa bi prova għal sitt xhur, huwa fuq bażi *full-time* u huwa għal żmien definit li jista' jiġi mġedded kull tliet snin suġġett għal servizz sodisfaċenti.

5. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

6. Il-kandidati għandhom jibagħtu lill-*Manager,* Finanzi u Amministrazzjoni, Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, il-Furjana CMR 02 ittra ta' applikazzjoni miktuba minnhom u kopja tal-*curriculum vitae*. Irid jintbagħat ukoll ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija.

7. Applikazzjonijiet għandhom jaslu fl-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika sa nhar it-Tnejn, it-18 ta' Awissu, 2003. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

8. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mingħand il-*Manager,* Finanzi u Amministrazzjoni, Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, Notre Dame Ravelin, il-Furjana CMR 02.

It-12 ta' Awissu, 2003

NATIONAL AUDIT OFFICE

Post of Senior Auditor

The Auditor General invites applications for the post of Senior Auditor, Value-for-Money Audits with the National Audit Office.

2. Applicants should possess a University degree or its equivalent in Public Administration, Business Studies, Economics, Engineering, Statistics, Accountancy or equivalent. Preference will be given to applicants in possession of three years experience in any of these disciplines.

3. The post carries an annual salary of Lm6,576 rising by annual increments of Lm167 to Lm7,077. A performance bonus may be awarded at the end of the year.

4. The employment, which is subject to a probationary period of six months, is on a full-time basis and is for a definite period, which may be renewed every three years, subject to satisfactory performance.

5. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

6. Candidates should submit to the Manager, Finance and Administration, National Audit Office, Notre Dame Ravelin, Floriana CMR 02 a letter of application in their own handwriting and a copy of their curriculum vitae. A Police Conduct Certificate is also to be submitted.

7. Applications are to reach the National Audit Office by Monday, 18th August, 2003. Late applications will not be considered.

8. Further information may be obtained from the Manager, Finance and Administration, National Audit Office, Notre Dame Ravelin, Floriana CMR 02.

12th August, 2003

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi fiċ-Ċentru ta' l-MCAST f'Għawdex

Minħabba t-tkabbir ta' l-MCAST, b'mod partikolari l-inkorporazzjoni tat-tliet istituti, prinċipalment l-Istitut ta' l-*Agribusiness*, l-Istitut tas-Servizzi fil-Komunità u l-Istitut ta' l-Inġinerija Mekkanika, il-Kulleġġ jista' jeħtieġ *full-time* u *part-time lecturing staff* biex jgħallmu s-suġġetti li ġejjin f'Għawdex:–

Accounts
Agrikoltura
Kapaċitajiet Bażiċi
Teknoloġija tal-Bini u Kostruzzjoni
Kura
Ingliż
Fabbrikazzjoni - *Welding*, *Steelmetal*, *Plumbing*
Hairdressing
Teknoloġija ta' l-Informatika u Komunikazzjoni
Malti
Matematika
Inġinerija Mekkanika
Xjenza Fiżika
Technical/Engineering Drawing
Xogħol ta' l-injam

IT Study Room Supervisor

Saru arranġamenti speċjali mal-*Management and Personnel Office* ta' l-Uffiċċju tal-Prim Ministru għall-Impjegati tas-Servizz Pubbliku li jixtiequ jkunu fuq bażi ta' *attachment*. Appikazzjonijiet jiġu kkunsidrati biss jekk jiġu sottomessi fuq il-formoli ta' l-applikazzjoni tal-Kulleġġ. Dawn jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tad-Direttur Amministrattiv, MCAST *Main Campus*, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid u fiċ-Ċentru ta' l-MCAST f'Għawdex, 121, Triq it-Tiġrija, ix-Xagħra, Għawdex. Id-data ta' l-għeluq biex jintlaqgħu dawn l-applikazzjonijiet hija nhar it-Tnejn, l-1 ta' Settembru, 2003 f'nofsinhar. Ma jintlaqgħux applikazzjonijiet li jaslu tard.

It-12 ta' Awissu, 2003

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies at the MCAST Gozo Centre

Due to the expansion of MCAST, in particular the incorporation of three Institutes, namely the Institute of Agribusiness, the Institute of Community Services and the Institute of Mechanical Engineering, the College may require full-time and part-time lecturing staff to teach the following subjects in Gozo:–

Accounts
Agriculture
Basic Skills
Building and Construction Technology
Care
English
Fabrication - Welding, Steelmetal, Plumbing
Hairdressing
Information and Communication Technology
Maltese
Mathematics
Mechanical Engineering
Physical Science
Technical/Engineering Drawing
Woodwork

IT Study Room Supervisor

Special arrangements with the Management and Personnel Office of the Office of the Prime Minister have been made for Public Service employees wishing to be on an 'attachment' basis. Applications will only be considered if submitted on the College Application Forms. These are available from the Office of the Administrative Director, at MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid and from the MCAST Gozo Centre, 121, Triq it-Tiġrija, Xagħra, Gozo. The closing date for receipt of applications is Monday 1st September 2003 at noon. Late applications will not be considered.

12th August, 2003

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jilqa' applikazzjonijiet magħluqin għal:–

Deputati Diretturi
Istitut ta' l-Arti u Disinn
Istitut ta' l-Informazzjoni u Teknoloġija ta' l-Informatika

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

The Malta College of Arts, Science and Technology invites applications for:–

Deputy Directors
Institute of Art and Design
Institute of Information and Communication Technology

biex jagħmilha ta' wieħed minn żewġ Deputati tad-Direttur ta' dawn l-Istituti b'responsabbiltajiet partikolari għall-iżvilupp tal-kurrikulu u l-i*staff*. Applikanti għandu jkollhom ta' l-inqas ħames snin esperjenza ta' *manager* flimkien ma' esperjenza fl-oqsma li għandhom x'jaqsmu ma' arti u disinn u teknoloġija ta' l-informatika.

Saru arranġamenti speċjali mal-*Management and Personnel Office* ta' l-Uffiċċju tal-Prim Ministru għall-Impjegati tas-Servizz Pubbliku li jixtiequ jkunu fuq bażi ta' *attachment*. Applikazzjonijiet jiġu kkunsidrati biss jekk jiġu sottomessi fuq il-formoli ta' l-applikazzjoni tal-Kulleġġ. Dawn jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tad-Direttur Amministrattiv, MCAST *Main Campus*, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid. Id-data ta' l-għeluq biex jintlaqgħu dawn l-applikazzjonijiet hija nhar it-Tnejn, l-1 ta' Settembru, 2003 f'nofsinhar. Ma jintlaqgħux applikazzjonijiet li jaslu tard.

It-12 ta' Awissu, 2003

to act as one of two Deputies to the Director of these Institutes with particular responsibilities for curriculum and staff development. Applicants are to have at least five years managerial experience together with teaching/lecturing experience in the fields related to art and design and information technology.

Special arrangements with the Management and Personnel Office of the Office of the Prime Minister have been made for Public Service employees wishing to be on an 'attachment' basis. Applications will only be considered if submitted on the College application forms. These are available from the Office of the Administrative Director, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola. The closing date for receipt of applications is Monday, 1st September, 2003 at noon. Late applications will not be considered.

12th August, 2003

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

Avviż

Għall-finijiet tar-regolament 90 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu illi l-kandidati nominati skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 89 ta' l-iskeda msemmija hawn fuq, għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għal-Lokalità ta' Tarxien, wara r-riżenja tas-Sur Jesmond Manicaro, huma dawn li ġejjin, jiġifieri:

Kandidati Nominati

BONDIN JOSEPH
MARMARÀ RUDOLPH

Il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu wkoll illi huma se jibdew jeżaminaw il-poloz tas-Sur Jesmond Manicaro, għal-Lokalità ta' Tarxien, skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 91 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, nhar l-Erbgħa, it-13 ta' Awissu, 2003, fl-10.00 a.m. fl-Uffiċċju Elettorali, Evans Building, Misraħ Sant'Jiermu, il-Belt Valletta.

C. L. De GABRIELE
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

It-12 ta' Awissu, 2003

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

Notice

For the purposes of regulation 90 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, the Electoral Commissioners hereby notify that the candidates nominated in accordance with the provisions of regulation 89 of the aforesaid schedule, for the casual election of a Councillor for the Locality of Tarxien, following the resignation of Mr Jesmond Manicaro are the following, that is:

Nominated Candidates

BONDIN JOSEPH
MARMARÀ RUDOLPH

The Electoral Commissioners further notify that they will proceed to examine the ballot papers of Mr Jesmond Manicaro, for the Locality of Tarxien, in accordance with the provisions of regulation 91 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, on Wednesday, 13th August, 2003 at 10.00 a.m. at the Electoral Office, Evans Building, St Elmo Square, Valletta.

C. L. De GABRIELE
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

12th August, 2003

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

Avviż

Għall-finijiet tar-regolament 90 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu illi ma ġiet ippreżentata ebda kandidatura għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Żejtun.

C. L. De GABRIELE
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

It-12 ta' Awissu, 2003

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

Notice

For the purposes of regulation 90 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, the Electoral Commissioners hereby notify that no candidatures were presented for the casual election of a councillor for the Local Council of Żejtun.

C. L. De GABRIELE
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

12th August, 2003

FORZI ARMATI TA' MALTA

Se jsir *Explosives Disposal* fir-*Ranges* ta' Pembroke bejn it-Tnejn, l-1 ta' Settembru u l-Ġimgħa, il-5 ta' Settembru, 2003, bejn it-8.00 a.m. u s-1.00 p.m.

Il-bastimenti kollha għandhom iżommu żewġ (2) mili 'l hinn mix-xatt ta' Pembroke matul id-dati u l-ħinijiet imsemmija hawn fuq.

Se jittajru bnadar ħomor mill-konfini tar-*range*s imsemmija.

It-12 ta' Awissu, 2003

ARMED FORCES OF MALTA

The Explosives Disposal will be carried out at Pembroke Ranges between Monday, 1st September and Friday, 5th September, 2003, between 8.00 a.m. and 1.00 p.m.

All vessels are to keep two (2) miles off Pembroke coast during the above mentioned dates and times.

Red flags will be flown from the limits of the ranges concerned.

12th August, 2003

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, *Notre Dame Ravelin,* il-Furjana:

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, l-14 ta' Awissu, 2003, għal:

CT 206/2003. Provvista ta' tagħmir għall-*IT* lill-*Medicines Regulatory Unit*, Ministeru tas-Saħħa. Proġett ta' l-E.U. - Ref: B7-040 MT2002NP.

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 14th August, 2003, for:

CT 206/2003. Supply of IT equipment to the Medicines Regulatory Unit, Ministry of Health. E.U. Project - Ref: B7-040 MT2002NP.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-21 ta' Awissu, 2003, għal:

CT 200/2003. Provvista ta' ħobż (Malta) – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 201/2003. Provvista ta' ċanga (Malta) – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 202/2003. Provvista ta' bajd (Malta) – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 203/2003. Provvista ta' patata (Malta) – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 204/2003. Provvista ta' ħut (Malta) – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 205/2003. Rinovar ta' Casa Bonnici li jinkludi l-provvista u stallazzjoni ta' lift – Teatru Manoel. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 207/2003. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' bnadar nazzjonali lis-Sezzjoni tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

CT 208/2003. Xogħlijiet ta' alterazzjonijiet u tlestija fl-*Annexe* ta' l-Awtorità tad-Djar f'10/11, Triq Pietro Floriani, fil-Furjana - Awtorità tad-Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mill-Awtorità tad-Djar, 12, Triq Pietro Floriani, il-Furjana, wara li jitħallas id-dritt ta' Lm50 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 193/2003. Provvista ta' pilloli *warfarin* 1mg – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 194/2003. Provvista ta' pilloli *warfarin* 3mg – Diviżjoni tas-Saħħa.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-28 ta' Awissu, 2003, għal:

CT 216/2003. Xiri ta' tagħmir għat-*temperature metrology* b'konnessjoni mal-*Capacity Building* għall-Awtorità Maltija dwar l-I*standards*. Proġett ta' l-E.U. - Ref: EuropeAid/116363/D/S/MT. Għal aktar informazzjoni wieħed għandu jidħol fil-*Website* uffiċjali f'dan l-indirizz:
http://europa.eu.int/comm/europeaid/index_en.htm.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, l-4 ta' Settembru, 2003, għal:

CT 209/2003. Provvista ta' injezzjonijiet *vacuronium bromide 10mg* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 210/2003. Provvista ta' injezzjonijiet *glucagon 1mg* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 21st August, 2003, for:

CT 200/2003. Supply of bread (Malta) – Health Division.

CT 201/2003. Supply of ox beef (Malta) – Health Division.

CT 202/2003. Supply of eggs (Malta) – Health Division.

CT 203/2003. Supply of potatoes (Malta) – Health Division.

CT 204/2003. Supply of fish (Malta) – Health Division.

CT 205/2003. Refurbishment at Casa Bonnici including the supply and installation of a lift – Manoel Theatre. A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document.

CT 207/2003. Period contract for the supply of national flags to the Procurement Section of the Contracts Department.

CT 208/2003. Alterations and finishing works at the Housing Authority Annexe at 10/11, Triq Pietro Floriani, Floriana - Housing Authority. Tender documents may be collected from the Housing Authority, 12, Triq Pietro Floriani, Floriana, against a fee of Lm50 for each copy of tender document.

CT 193/2003. Supply of warfarin 1mg tablets - Health Division.

CT 194/2003. Supply of warfarin 3mg tablets - Health Division.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 28th August, 2003, for:

CT 216/2003. Purchase of temperature metrology equipment in connection with the Capacity Building at the Malta Standards Authority. E.U. Project - Ref: EuropeAid/116363/D/S/MT. Please refer to the official Website at the following address:
http://europa.eu.int/comm/europeaid/index_en.htm.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 4th September, 2003, for:

CT 209/2003. Supply of vacuronium bromide 10mg injections – Health Division.

CT 210/2003. Supply of glucagon 1mg injections – Health Division.

CT 211/2003. Provvista ta' pilloli *carbamazepine 200mg* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 212/2003. Provvista ta' injezzjonijiet *fludarabine 50mg* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 213/2003. Provvista ta' pilloli *warfarin 5mg* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 228/2003. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' *chipboard* u *meranti plywood* lis-Sezzjoni tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, id-9 ta' Settembru, 2003, għal:

CT 217/2003. Kuntratt perjodiku ghall-provvista ta' *carbon steel bars* għar-rinfurzar tal-konkos lis-Sezzjoni tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

CT 218/2003. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' stokk u ħġieġ lis-Sezzjoni tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

CT 219/2003. Kuntratt perjodiku ghall-provvista ta' *bottled oxygen and acetylene* lis-Sezzjoni tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

CT 221/2003. Stallazzjoni ta' servizzi tal-mekkanika u ta' l-elettriku fil-Marsaxlokk *Youth Hostel* – Fondazzjoni ghall-Iskejjel ta' Għada. Irid jithallas dritt ta' Lm30 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 222/2002. Bini ta' *multi purpose hall* (xogħlijiet ċivili) fl-Iskola Primarja tas-Siġġiewi – Fondazzjoni ghall-Iskjejjel ta' Għada. Irid jithallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-11 ta' Settembru, 2003, għal:

CT 214/2003. Provvista ta' *immunoassay kits* b'*equipment on loan* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 215/2003. Provvista ta' pilloli *paroxetine 20mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 220/2003. Provvista ta' 3.5mm *cortex screws* - Diviżjoni tas-Saħħa.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-16 ta' Settembru, 2003, għal:

CT 225/2003. Twaqqigħ u bini ta' estensjoni fl-Iskola Primarja ta' l-Imqabba – Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada.

CT 211/2003. Supply of carbamazepine 200mg tablets – Health Division.

CT 212/2003. Supply of fludarabine 50mg injections – Health Division.

CT 213/2003. Supply of warfarin 5mg tablets – Health Division.

CT 228/2003. Period contract for the supply of chipboard and meranti plywood to the Procurement Section of the Contracts Department.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 9th September, 2003, for:

CT 217/2003. Period contract for the supply of carbon steel bars for the reinforcement of concrete to the Procurement Section of the Contracts Department.

CT 218/2003. Period contract for the supply of putty and glass to the Procurement Section of the Contracts Department.

